MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2015

Referenza Kostituzzjonali Numru. 678/2009/1

***(1) John Ciantar***
***(ID No. 17184A)***

***(2) Victor Ciantar***
***(ID No 568943M)***

***(3) Peter Ciantar***
***(ID No 16352M)***

***kontra***

***(1) Nazzareno sive Reno Ciantar***
***(ID No 530161M)***

***(2) Josephine sive Jessie Ciantar***
***(ID No 584845M)***

***(3) Carmelo Ciantar***
***(ID No 449420M),***

***u***

**b`digriet tat-18 ta` Frar 2014 kienet mahtura l-Av. Dr. Yana Micallef Strafrace bhala kuratur *ad litem* biex tirrapprezenta l-interess ta` Carmelo Ciantar li miet fil-mori tal-kawza ;**

***u***

**b`digriet tad-9 ta` Gunju 2014 il-Qorti ordnat *ex officio* l-kjamata fil-kawza tal-Arkitetti u Inginiera Civili Godwin Abela, Valerio Schembri u Joseph Ellul Vincenti, u tal-Avukat Generali**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat illi fit-23 ta` Ottubru 2012, il-konvenuti fil-procediment ordinarju fl-ismijiet *"John Ciantar (ID No. 17184A), Victor Ciantar (ID No 568943M) u Peter Ciantar (ID No 16352M) kontra Nazzareno sive Reno Ciantar (ID No 530161M), Josephine sive Jessie Ciantar (ID No 584845M) u Carmelo Ciantar (ID No 449420M) [Rik. Gur. Nru. 678/2009/JZM]*ipprezentaw rikors li jaqra hekk –

*Illi f`din il-kawza l-atturi qeghdin, inter alia, jitolbu minghand l-esponenti l-hlas tal-legittima mill-wirt ta` ommhom il-mejta Carmela Ciantar, mart il-konvenut Carmelo Ciantar ;*

*Illi l-Qorti permezz ta` digriet tal-24 ta` Marzu 2010 wara talba mill-atturi, hatret lill-AIC Mario Cassar bhala perit tekniku sabiex jaghmel stima tal-immobbli li jaghmlu parti mill-massa ereditarja tal-mejta Carmela Ciantar ;*

*Illi r-relazzjoni kienet ipprezentata fid-19 ta` Settembru 2011, kienet intaxxata fl-20 ta` Ottubru 2011 u mahlufa fl-udjenza tas-7 ta` Novembru 2011 ;*

*Illi permezz ta` nota prezentata fl-10 ta` Novembru 2011, l-esponenti kollha talbu l-hatra ta` periti addizzjonali u fis-seduta tat-12 ta` Jannar 2012 din il-Qorti laqghet it-talba tal-konvenuti u hatret tliet periti teknici addizzjonali, li pprezentaw ir-relazzjoni taghhom fis-26 ta` Marzu 2012 liema relazzjoni kienet intaxxata fit-28 ta` Marzu 2012 ;*

*Illi permezz ta` nota prezentata fit-3 ta` April 2012 skont l-Artikolu 667 tal-Kap 12 l-esponenti talbu lil din il-Qorti sabiex tordna lir-Registratur tal-Qorti jerga` jintaxxa mill-gdid id-dritt dovut lill-periti addizzjonali u l-periti teknici pprezentaw risposta fit-18 ta` Gunju 2012 ;*

*Illi l-esponenti kienu lmentaw li l-ammont dovut lil kull wiehed mill-periti huwa wiehed esagerat, u dan stante, li d-dritt dovut lil kull perit tekniku singolarment jammonta ghal cirka dak li kien dovut lill-Perit Mario Cassar li kien il-perit li ha hsieb li jkejjel, jiehu r-ritratti, jimmarka l-pjanti u jiddeskrivi l-proprjeta` biex ikun jista` jaghti valur meta l-Perit Gudizzjarju Addizzjonali certament li ma wettqux tali xoghol ;*

*Illi l-periti teknici wiegbu li t-talba tal-esponenti kienet irritwali stante li ma kienx ghadu beda jiskatta t-terminu skont l-Artikolu 667 tal-Kap 12 ladarba ma kienx ghad hemm il-pubblikazzjoni tar-rapport tal-periti addizzjonali ;*

*Illi l-Qorti permezz ta` provvediment li tat nhar is-16 ta` Lulju 2012 qalet li, "jekk wiehed jistrieh biss fuq l-Art. 666, fil-pront isib illi kwalsiasi kwistjoni dwar il-mertu (u allura l-kontenut) tar-rapport tkun tista` titqies biss wara (u mhux qabel) il-pubblikazzjoni tar-rapport. Mela, f`dan l-istadju, din il-Qorti qieghda tiskarta kull ma nghad mill-konvenuti dwar il-mod kif il-periti addizzjonali espletaw l-inkariku taghhom ghall-fini tat-tassazzjoni tad-dritt taghhom, stante li l-kontenut tar-rapport mhuwiex pubbliku ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi" ;*

*"Jekk imbaghad wiehed iqis l-Art 672 isib illi fil-kaz tal-lum, il-periti addizzjonali ma nghataw l-ebda dispensa. Li allura jfisser illi l-pubblikazzjoni tar-rapport tista` ssir biss hekk kif il-periti jikkonfermaw il-kontenut tar-rapport bil-gurament. U allura wara li jkun thallas id-dritt kif intaxxat mir-Registratur" ;*

*Illi l-esponenti huma tal-fehma li l-Artikoli citati huma lezivi ghad-dritt fondamentali ta` smigh xieraq. Effettivament il-ligi qeghda tghid li wiehed jista` jikkontesta t-taxxa biss wara li din tkun imhallsa u, inoltre, u aktar gravi, li l-kawza ma tistax titkompla jekk il-periti ma jigux imhallsa ;*

*Illi l-esponenti jirrilevaw illi dan imur kontra d-dritt taghhom l-access ghall-Qorti. Il-principju dwar l-access ghall-Qorti mhux dritt enuncjat esplicitament fil-Konvenzjoni Ewropea izda hija principju illi skont il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea huwa konsegwenza naturali tal-Artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni. Il-Qorti rrikonoxxiet id-dritt ghall-access ghal Qorti fil-kawza Golder v. The United Kingdom (21/2/75) ;*

*Illi l-Qorti Ewropea sostniet illi ma taghmilx sens illi jkunu garantiti d-drittijiet ghas-smigh xieraq quddiem it-tribunal imparzjali u indipendenti jekk effettivament individwu ma jkollux access ghal din il-qorti. Artikolu 6 para. 1 ma jaghtix id-dritt ghal dan l-access esplicitament izda mill-principji deskritti*

*f`dan l-Artikolu l-Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi d-dritt ghas-smigh xieraq huwa inkonceppibli minghajr id-dritt ghall-access ghall-qrati ;*

*Illi l-esponenti jafu li d-dritt ta` access ghal qorti mhuwiex dritt assolut. Pero` l-Qorti Ewropeja fil-kaz ta` Golder tghid li l-Artikolu 6 di natura isejjah ghal regolamenti biex l-Istat ma ttellifx mill-access ghall-Qorti. Dawn ir-regolamenti jistghu jvarjaw minn zmien ghal zmien pero` trid tiehu in konsiderazzjoni l-bzonnijiet u r-rizorsi tal-komunita` u tal-individwi. Il-limitazzjonijiet ghal dan id-dritt huma accettati mill-Qorti jekk ghandha ghan legittimu, u jekk ikun hemm relazzjoni ragjonevoli ta` proporzjonalita` bejn il-mezzi uzati u l-ghan li jrid ikun milhuq. (vide Ashingdane v. the United Kingdom, 28 ta` Mejju 1985, para. 57) ;*

*L-atturi qeghdin jikkontendu b`hekk l-Artikolu 666 u l-Artikolu 672 tal-Kap 12 qeghdin nnegaw lilhom id-dritt ghall-access ghall-qorti jew f`dan il-kaz dritt ghat-tkomplija tal-procedura u dan bi ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni. Dan fil-kuntest ukoll li huma qeghdin jikkontestaw l-ammont imsemmi dan ghaliex huma qeghdin jigu mitluba jhallsu somma astronomika u mbaghad jekk iridu jikkontestaw l-ammont wara. L-ghan legittimu jista` jkun il-hlas tal-esperti pero` r-rizultat mhux proprozjonat ghaliex l-esponenti ma jistghux ikomplu jittrattaw il-kaz taghhom ;*

*Inoltre, l-istess Artikolu 666 u l-Artikolu 672 tal-Kap 12 huma lesivi ghad-dritt tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 13 ta` Konvenzjoni Ewropeja. L-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja tistipula illi, "Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tieghu kontemplati f`din il-Konvenzjoni ghandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorita` nazzjonali ghalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jagixxu f`kariga ufficjali." Artikolu 13 jiggarantixxi illi jrid ikun hemm rimedju fil-livell nazzjonali sabiex jigu enfurzati d-drittijiet u libertajiet taht il-Konvenzjoni fi kwalunkwe forma approprjata fl-ordni guridika nazzjonali ;*

*Illi l-atturi jaghmlu riferenza ghall-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni li titkellem dwar referenza kostituzzjonali dwar kwistjoni ta` natura kostituzzjonali li jitqajmu fil-Qrati li mhumiex il-Prim`Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali. Peress li din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni originali (Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni) dwar kwistjonijiet kostituzzjonali, hija stess tista` tiehu konjizzjoni tal-ilment kostituzzjonali tal-attur u ghalhekk qabel ma titkompla l-kawza odjerna.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, ghar-ragunijiet suesposti, tiehu formalment konjizzjoni ta` dan l-ilment ta` natura kostituzzjonali mressaq minnhom u tiddeciedi jekk l-Artikoli 666, 667 u 672 tal-Kap 12 mhumiex lesivi ghad-drittijiet tar-rikorrenti a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja billi tiddikjara li fil-fatt l-Artikoli 666, 667 u 672 tal-Kap 12 huma lesivi ghad-drittijiet tar-rikorrenti a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Jeddijiet Fundamentali tal-Bniedem u konsegwentement taghti lir-rikorrenti noe dawk ir-rimedji kollha effettivi.*

*Salv kull provvediment iehor li joghgobha taghti din il-Qorti.*

Rat ir-risposta tal-Periti Teknici Addizjonali l-Arkitetti u Inginiera Godwin P. Abela (K.I. 721649M), Valerio Schembri (K.I. 63969M), u Joseph Ellul Vincenti (K.I. 88131M), prezentata fit-<u>23 ta` Novembru 2012</u> li taqra hekk –

*1. Illi, preliminarjament l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma kollha frivoli u vessatorji u ghandhom jigu rigettati.*

*2. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-esponenti jissottometu illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha fis-sede kostituzzjonali stante illi r-rikorrenti semmai ghandhom rimedji effettivi u effikaci taht il-Ligi ordinarja. Jigi umilment sottomess li jezistu l-kriterji stabbiliti fil-gurisprudenza ("Tretyak vs Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs" Qorti Kostituzzjonali – 16 ta` Jannar 2006) biex tali setgha ma tigix ezercitata f`dan il-kaz. L-esponenti jaghmlu riferenza, partikolarment imma mhux esklussivament, ghar-rimedju moghti lill-persuni illi jkollhom diffikulta` biex ihallsu spejjez gudizzjarji ai termini tal-Artikolu 671 tal-Kap 12 tal-Ligijiet, kieku u dan mhux ammess, il-konvenuti rikorrenti kienu jikkwalifikaw ghal beneficcju tal-ghajnuna legali. Bl-invers jekk il-konvenuti ma jikkwalifikawx ghall-ghajnuna legali allura skont il-ligi huma jistghu jhallsu l-ispejjez u drittijiet intaxxati lill-esponenti, okkorrendo anke b`rizerva li jivventilaw il-kontestazzjoni taghhom ghall-istess fi stadju ulterjuri skont l-istess artikoli 666, 667 u 672 tal-Kap 12 tal-Ligijiet.*

*3. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, mhuwiex minnu dak imsemmi fir-rikors odjern u cioe` illi jekk ma jithallasx ir-rapport peritali, "il-kawza ma tistax titkompla jekk il-Periti ma jigux imhallsa". L-Artikolu 670 tal-Kap 12 tal-Ligijiet, taht il-Ligi ordinarja jaghti rimedju f`kaz illi min ghandu jhallas tali perizja ma jghaddix ghal tali hlas u ghalhekk ukoll ma huwiex minnu li l-access ghal gudizzju tal-Qorti qed jigi mbarrat.*

*4. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, pero`, id-dritt ghal hatra ta` Periti addizzjonali mhuwiex "dritt kostituzzjonali" jew xi wiehed mid-drittijiet fondamentali tal-bniedem u ghalhekk sa fejn ir-rikorrenti qeghdin isejsu t-talba taghhom fuq xi lezjoni ghad-drittijiet fondamentali tal-bniedem, din is-sottomissjoni hija guridikament infondata.*

*5. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, gie kostantement ritenut illi d-dritt ta` access lill-Qrati mhuwiex wiehed assolut u l-limitazzjonijiet huma permessi sakemm ir-rimedju jkun proporzjonat u jaqdi d-*

*dritt legittimu, Id-Dritt legittimu jirrisjedi fl-assigurazzjoni illi l-ispejjez gudizzjarji nkluzi dawk tal-Periti gudizzjarji nominati jigu mhallsin. Kif gie diversi drabi ritenut :*

*Certainly, the right of access to the courts is not absolute but may be subject to limitations ; these are permitted by implication since the right of access "by its very nature calls for regulation by the State, regulation which may vary in time and in place according to the needs and resources of the community and of individuals" (see the above-mentioned Golder judgment, p. 19, para. 38, quoting the "Belgian Linguistic" judgment of 23 July 1968, Series A no. 6, p. 32, para. 5).*

*6. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, hemm relazzjoni ragjonevoli ta` proporzjonalita` bejn il-mezzi uzati u l-ghan li ghandu jintlahaq cioe` illi gjaladarba l-Periti addizzjonali adempjew l-inkarigu lilhom moghti huma jithallsu issa u mhux f`xi zmien fil-futur meta jkun joghgobhom ir-rikorrenti ghaliex is-servizz li talbu l-istess rikorrenti twettaq u jekk ir-relazzjoni tinhalef qabel ma tithallas dan jista` jwassal ghal dewmien ingustifikat fil-hlas. Wiehed irid jiftakar ukoll illi kienu l-istess rikorrenti illi talbu n-nomina ta` Periti Perizjuri. Ghalhekk mhux il-kaz hawn li jghid li din il-limitazzjoni hija nkompatibbli mal-artikolu 6 tal-konvenzjoni. Gie ritenut infatti :*

*"a Limitation will not be compatible with Article 6 para. 1 (art. 6-1) if it does not pursue a legitimate aim and if there is not a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be achieved. (Ashingdane v. the United Kingdom – App. No. 8225/73)"*

*7. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-esponenti m`ghandhomx ibatu l-ispejjez ta` dawn il-proceduri, kemm ghaliex l-involviment taghhom f`dawn il-proceduri hija aktar ghal integrita` ta` gudizzju milli ghaliex huma l-legittimi kontradditturi fi proceduri simili, u kif ukoll ghaliex it-tassazzjoni lamentata tal-ispejjez u d-drittijiet tal-esponenti ma saritx mill-istess esponenti imma saret mid-Direttur Generali, Qrati Civili u Tribunali.*

*8. Illi, mhux minnu illi l-Artikoli 666, 667 u 672 tal-Kap 12 tal-Ligijiet, jilledu d-drittijiet tar-rikorrenti a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-Artikolu 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet, u l-pretensjonijiet tal-konvenuti rikorrenti huma kollha fattwalment u guridikament infondati.*

*Ghar-ragunijiet suesposti l-esponenti umilment jissottomettu li t-talbiet tal-konvenuti rikorrenti f`din is-sede ghandhom jigu rigettati.*

Rat ir-risposta ta` John Ciantar, Victor Ciantar u Peter Ciantar prezentata fis-<u>26 ta` Novembru 2012</u> li taqra hekk –

*1. Illi din ir-risposta qed issir ghar-rikors tal-konvenuti pprezentat fit-23 ta` Ottubru 2012 li permezz tieghu huma talbu r-Riferenza Kostituzzjonali ;*

*2. Illi fl-ewwel lok ir-rispondenti jaghmluha cara illi l-uniku interess taghhom in rigward ta` dan l-episodju huwa illi dan l-episodju jigi konkluz mill-iktar fis possibbli sabiex din il-kawza tkun tista` tigi deciza u l-esponenti jithallsu ghal-legittima lilhom spettanti ;*

*3. Illi fil-mertu in rigward tar-rikors prezentat mill-konvenuti, ir-rispondenti jtennu minnufih illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma kollha frivoli u vessatorji u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, u dan anke ghar-ragunijiet li ser jigu sottomessi f`din l-umli risposta ;*

*4. Illi l-esponenti jissottomettu in oltre li din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex tezercita s-setghat taghha fis-sede kostituzzjonali stante illi r-rikorrenti semmai ghandhom rimedji ohra taht il-ligi ordinarja, fosthom –*

*(i) ir-rimedju moghti lill-persuni illi jkollhom diffikulta` biex ihallsu spejjez gudizzjarji ai termini tal-Artikolu 671 tal-Kap 12 tal-Ligijiet, kieku u dan mhux ammess, il-konvenuti rikorrenti kienu jikkwalifikaw ghal beneficcju tal-ghajnuna legali ;*

*(ii) fis-sens oppost jekk il-konvenuti ma jikkwalifikawx ghall-ghajnuna legali – kif ovvjament ma jikkwalifikawx meta wiehed iqis biss biss il-mertu tal-kawza odjerna – allura skont il-ligi huma jistghu u ghandhom ihallsu l-ispejjez u d-drittijiet intaxxati lill-periti perizjuri anke b`riserva li jikkontestaw tali drittijiet fi stadju ulterjuri skont l-istess artikoli 666, 667 u 672 tal-Kap 12 tal-ligijiet;*

*5. Illi wkoll ghandu jinghad li, gjaladarba l-konvenuti kienu jafu kemm kienu d-drittijiet intaxxati lill-ewwel perit allura huma kienu jew messhom kienu jafu ben tajjeb kemm kienu se jkunu d-drittijiet tal-periti perizjuri u ghalhekk ma jistghux jilmentaw li dan il-kont kif intaxxat gie b`xi sorpriza ghalihom;*

*6. Illi lanqas mhu minnu dak imtenni mill-konvenuti fir-rikors taghhom fis-sens illi jekk ma jithallasx ir-rapport peritali, "il-kawza ma tistax titkompla jekk il-Periti ma jigux imhallsa" u dan in vista tal-fatt illi l-artikolu 670 tal-Kap 12 tal-Ligijiet, taht il-Ligi ordinarja jaghti rimedju f`kaz illi min ghandu jhallas tali perizja ma jghaddix ghal tali hlas u ghalhekk ukoll ma huwiex minnu li l-access ghall-gudizzju tal-Qorti qed jigi mbarrat ;*

*7. Illi ghandu jigi rilevat ukoll illi d-dritt ghall-hatra ta` periti perizjuri mhuwiex xi dritt fondamentali tal-bniedem u ghalhekk sa fejn ir-rikorrenti qeghdin isejsu t-talba taghhom fuq xi lezjoni ghad-drittijiet fondamentali tal-bniedem, din is-sottomissjoni hija kompletament fiergha u bla bazi. Din fatti fil-kaz odjern wiehed ma jistax jifhem kif il-konvenuti qed jilmentaw minn lezjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom semplicement ghaliex huma jridu jhallsu d-drittijiet intaxxati tal-periti perizjuri kif irid jaghmel kull cittadin iehor tal-pajjiz. Allura ghax per ezempju wiehed irid ihallas biex jiftah kawza allura d-dritt tieghu ta` access ghall-qrati qed jigi mbarrat ? B`kull rispett dan l-argument jirrazenta l-assurd ;*

*8. Illi fil-fatt huwa principju pacifiku illi d-dritt ta` access lill-Qrati mhuwiex xi dritt assolut u l-limitazzjonijiet huma permessi sakemm ir-rimedju jkun proporzjonat u jaqdi d-dritt legittimu. F`dan ir-rigward issir riferenza ghas-segwenti :*

*Certainly, the right of access to the courts is not absolute by may be subject to limitations; these are permitted by implication since the right of access "by its very nature calls for regulation by the State, regulation which may vary in time and in place according to the needs and resources of the community and of individuals" (see the above-mentioned Golder judment, p. 19, para. 38 quoting the "Belgian Linguistic" judgment of 23 July 1968, Series A no. 6, p. 32, para. 5) ;*

*9. Illi kjarament mhux minnu illi l-Artikoli 666, 667 u 672 tal-Kap 12 tal-Ligijiet, jilledu d-drittijiet tar-rikorrenti a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-Artikolu 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u l-pretensjonijiet tal-konvenuti rikorrenti huma kollha fattwalment u guridikament infondati u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra taghhom.*

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali prezentata fil-<u>25 ta` Jannar 2013</u> li taqra hekk –

*1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma kollha frivoli u vessatorji ;*

*2. Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, hija l-umli fehma tal-esponenti li din l-Onorabbli Qorti ghandha tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skont il-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta` Malta u tal-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319 in kwantu mir-rikors promotur ma jirrizultax li r-rikorrenti eawrixxew ir-rimedji ordinarji li kienu disponibbli favur taghhom qabel ma ntavolaw il-proceduri odjerni. Mill-atti tal-kawza li minnha qamet ir-Referenza Kostituzzjonali odjerna jirrizulta li l-konvenuti (rikorrenti odjerni) ma jaqblux mal-interpretazzjoni li taw il-Periti Addizzjonali tal-artikolu 666, 667 u 672 tal-Kap 12, liema interpretazzjoni giet abbraccjata minn l-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili fil-provvediment moghti minnha fis-16 ta` Lulju 2012. Madankollu ma jirrizultax li r-rikorrenti odjerni talbu xi permess minn dik l-Onorabbli Qorti sabiex jappellaw mid-decizjoni taghha a tenur tal-artikolu 229(3) tal-Kap. 12. Minghajr pregudizzju u b`zieda ma` dan, ma hemm xejn x`jostakola lir-rikorrenti milli jivventilaw il-kontestazzjoni taghhom fi stadju ulterjuri ;*

*3. Illi dejjem in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-hatra ta` periti addizzjonali mhuwiex xi wiehed mid-drittijiet fundamentali a tenur tal-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u lanqas ma huwa xi dritt sancit fil-Kap 319 tal-ligijiet ta` Malta u kull allegazzjoni u pretensjoni minnha avvanzata fir-rikors in risposta hija nieqsa minn bazi legali u ghaldaqstant insostenibbli ;*

*4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti Nazzareno Ciantar, Josephine Ciantar u Carmelo Ciantar huma kollha elenkati fil-fatt u fid-dritt*

*ghar-ragunijiet segwenti li qeghdin jigu hawn elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin :*

*4.1. Illi mhuwiex minnu li l-artikoli 666, 667 u 672 tal-Kap 12 huma lezivi ghad-dritt tar-rikorrenti a tenur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Jeddijiet Fundamentali tal-Bniedem ;*

*4.2. Illi effettivament ir-rikorrenti ghandhom kull access ghal qrati nostrani u kull allegazzjoni minnhom avvanzata li qieghed jigi lilhom vjetat tali access hija legalment u fattwalment infondata ;*

*4.3. Illi l-fatt li a tenur tal-provvediment tal-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta` Lulju 2012 gie deciz illi l-artikolu 667 it-terminu ta` tmint ijiem ghal appell jibda jiddekorri mid-data tal-pubblikazzjoni tar-rapport, u cioe` d-data tal-konferma tal-istess rapport bil-gurament mill-periti wara li jkunu thallsu d-dritt taghhom kif intaxxat mir-Registratur, ma jfissirx li r-rikorrenti qeghdin jigu mcahhda mid-dritt ta` access ghall-Qorti ;*

*4.4. Illi effettivament, fil-kuntest ta` allegazzjoni ta` vjolazzjoni ta` drittijiet fundamentali tal-bniedem, l-artikoli 666, 667 u 672 tal-Kap 12 ma jistghux jinqraw wahidhom izda ghandhom jinqraw fil-qafas tal-artikoli l-ohra tas-Sub-titolu IV tal-Ewwel Titolu tat-Tielet Ktieb tal-Kap 12, u partikolarment izda mhux biss fid-dawl tal-artikoli 670 u 671 tal-imsemmi Kap 12. Minn dawn l-artikoli huwa car u manifest li kull allegazzjoni da parti tar-rikorrenti illi "d-dritt taghhom ghall-access ghall-Qorti" gie vvjolat u/jew "il-kawza ma tistax titkompla jekk il-periti ma jigux imhallsa" hija nfondata u nsostenibbli ;*

*4.5. Illi dejjem minghajr pregudizzju u b`zieda mas-suespost, ma jirrizultax illi meta nbdew il-proceduri odjerni xi wiehed mill-partijiet talab ghal assistenza legali u mkien mhu qieghed jigi allegat li r-rikorrenti mhumiex f`pozizzjoni li jhallsu l-ispejjez peritali, li tra l-altro inhatru fuq talba taghhom stess. Isegwi ghalhekk li effettivament ma hemm l-ebda bazi ghall-allegazzjoni tar-rikorrenti fis-sens illi "l-ghan legittimu jista` jkun il-hlas tal-periti pero` r-rizultat mhux proporzjonat ghaliex l-esponenti ma jistax ikomplu jitrattaw il-kaz taghhom". Effettivament, kif tajjeb osservaw il-Periti Teknici addizzjonali fir-*

*risposta taghhom, xejn ma josta lir-rikorrenti milli jhallsu l-ispejjez u d-drittijiet intaxxati lill-imsemmija Periti Addizzjonali, okkorrendo b`rizerva li jivventilaw il-kontestazzjoni taghhom ghall-istess fi stadju ulterjuri ;*

*4.6. Illi minghajr pregudizzju ghal dan, id-dritt tal-access ghall-Qorti mhuwiex wiehed assolut u kull Stat ghandu d-dritt li jimponi restrizzjonijiet li ghandhom ghan legittimu;*

*4.7. Illi inoltre, id-dritt ghal smigh xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalita` tal-proceduri kollha u mhux fir-rigward ta` mumenti minnha bhal ma qeghdin jittentaw jaghmlu r-rikorrenti;*

*5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-verbal tal-udjenza tas-7 ta` Frar 2013 fejn *inter alia* :

i) Il-Qorti tat direzzjoni lill-partijiet fis-sens illi hi ma kenitx sejra taghmel riferenza izda hija kienet sejra tisma` u tiddeciedi l-lanjanzi ta` r-rikorrenti (konvenuti fil-procediment ordinarju) ;

ii) Il-Qorti dderigiet lill-partijiet sabiex jittrattaw l-eccezzjoni tal-ezawriment tar-rimedji ordinarji li l-kontroparti kollha tar-rikorrenti ssollevaw fir-risposti taghhom ;

iii) In kwantu ghall-provi, il-partijiet ilkoll qablu li l-unici provi li kellhom kienu l-atti tal-procediment ordinarju fl-ismijiet *John Ciantar et vs Nazzareno Ciantar et (Rik. Gur. Nru. 678/2009 JZM).*

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-23 ta` Mejju 2013 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghat-30 ta` Settembru 2013 dwar l-eccezzjonijiet tan-nuqqas ta` ezawriment tar-rimedji ordinarji.

Rat is-sentenza taghha tat-30 ta` Settembru 2013, fejn *inter alia* nghad hekk :-

*In vista tal-premess, din il-Qorti ma ssibx li r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju xieraq, effettiv u adegwat fejn jindirizzaw l-allegat ksur tal-jeddijiet fondamentali taghhom qabel ressqu l-azzjoni odjerna. Din il-Qorti tghid illi fl-ahjar interess ta` l-amministrazzjoni tal-gustizzja m`ghandhiex tiddeklina mis-setghat u mir-responsabilita` taghha, kwindi tghid illi ghandha tibqa` tisma` l-kaz fil-mertu.*

*Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tichad it-tieni eccezzjoni tal-intimati Periti Godwin P. Abela, Valerio Schembri u Joseph Ellul Vincenti, ir-raba` eccezzjoni tal-intimati John Ciantar, Victor Ciantar u Peter Ciantar, u t-tieni eccezzjoni tal-intimat Avukat Generali, tiddikjara illi sejra tkompli tezercita s-setghat taghha, u ghalhekk qeghda tordna l-prosegwiment tas-smigh tal-kawza. L-ispejjez tal-provvediment tal-lum jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.*

Rat il-verbal tal-udjenza tas-7 ta` Novembru 2013 fejn ir-rikorrenti f`dan il-procediment iddikjaraw li bhala provi fil-mertu kienu qeghdin jirrimettew ruhhom ghall-atti tal-procediment ordinarju fl-ismijiet *"John Ciantar et kontra Nazzareno Ciantar et" (Rik. Gur. Nru. 678/2009 JZM)* u li Nazzareno Ciantar kien sejjer jipprezenta x-xiehda tieghu bl-affidavit.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Nazzareno Ciantar.

Rat il-provvedimenti illi tat fl-udjenzi tat-18 ta` Frar 2014 u tad-9 ta` Gunju 2014.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar li ghamlu bil-fomm id-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-30 ta` Ottubru 2014.

Rat in-nota ta` referenzi li pprezentaw ir-rikorrenti fl-istess udjenza.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II.** **<u>Ix-xiehda ta` Nazzareno Ciantar</u>**

**Nazzareno Ciantar** jaghmel riferenza ghall-kawza istitwita minn hutu Victor, Peter u John kontra tieghu, kontra ohtu Josephine u kontra missieru Carmelo (illum mejjet) li ghandha n-numru 678/09 JZM fejn talbu li jithallsu l-legittima spettanti lilhom mill-wirt ta` ommhom Carmela Ciantar.

Ighid illi f`dik il-kawza, il-Qorti kien hatret lill-Perit Mario Cassar sabiex jaghmel stima tal-immobbli formanti parti mill-wirt. Il-perit tekniku pprezenta relazzjoni fid-19 ta` Settembru 2011, li kienet intaxxata fl-20 ta` Ottobru 2011 u kienet mahlufa fis-7 ta` Novembru 2011 wara li l-perit tekniku thallas id-dritt tieghu.

Ikompli jixhed illi hu, ohtu u missieru hassew ruhhom aggravati bl-istimi li ghamel il-perit tekniku u ghalhekk ipprezentaw fejn talbu l-hatra ta` periti addizzjonali. Fl-udjenza tat-12 ta` Jannar 2012, il-Qorti kienet laqghet t-talba taghhom u fil-fatt inhatru l-Periti Godwin Abela, Valerio Schembri u Joseph Ellul Vincenti bhala periti addizzjonali.

Ighid illi wara li dawn il-periti espletaw l-inkariku taghhom huma pprezentaw relazzjoni fis-26 ta` Marzu 2012, li kienet intaxxata fit-28 ta` Marzu 2012.

Isostni li l-ammont intaxxat favur it-tliet periti addizzjonali flimkien kien jammonta ghal €14,456.04.

Ix-xhud esprima l-fehma li dan l-ammont kien wiehed esagerat billi d-dritt ta` kull perit addizzjonali kien kalkolat daqs l-ammont li intaxxat lill-Perit Mario Cassar. Issa filwaqt li l-Perit Cassar ha kejl, gibed ritratti, immarka pjanti u ta deskrizzjoni tal-propjeta` in kwistjoni, il-periti addizzjonali ma ghamlux dan ix-xoghol.

Ix-xhud ilmenta li mhuwiex gust li l-ammont intaxxat favur il-periti addizzjonali jista` jigi kontestat biss wara li jkun thallas dak id-dritt. Ilmenta wkoll li l-kawza dwar il-hlas tal-legittima ma tistax tkompli jekk il-periti addizjonali ma jkunux thallsu. Kien ghalhekk li kien istitwit dan il-procediment kostituzzjonali.

**Ikkunsidrat :**

**III. Sottomissjonijiet**

**Ir-rikorrenti** jirreferu ghad-decizjonijiet tal-ECHR fil-kawza "**Golder vs United Kingdom**" deciza fil-21 ta` Frar 1975 ; "**Belez and Others vs Czech Republic**" deciza fit-12 ta` Novembru 2002 ; u "**Ashingdane vs United Kingdom**" deciza fit-28 ta` Mejju 1985.

Jirrimarkaw illi l-ilment taghhom huwa fondat fuq il-fatt illi sabiex huma jikkontestaw l-ammont intaxxat bhala dovut lill-periti addizzjonali, irid l-ewwel jithallas id-dritt imbaghad se mai issir il-kontestazzjoni.

Jikkontendu li l-Art 666, 667 u 672 tal-Kap 12 huma lezivi ghad-dritt taghhom ghal smiegh xieraq ghaliex bl-applikazzjoni ta` dawk l-artikoli qieghed prattikament jigi michud id-dritt taghhom ghal access ghall-Qorti.

Fuq l-iskorta tas-sentenza ta` "**Belez and Others vs Czech Republic**", ir-rikorrenti jissottomettu li meta disposizzjoni ta` procedura timpingi fuq l-access effettiv tal-individwu ghal Qorti, il-Qorti ghandha tipprovdi billi tiskarta dak il-punt procedurali u tkompli bis-smigh tal-kawza fil-mertu.

Ghalhekk ir-rikorrenti esprimew il-fehma li l-Qorti kellha tordna li r-rapport tal-periti addizzjonali ghandu jinfetah qabel isir il-hlas sabiex b`hekk il-kawza tkun tista` tkompli tinstema` u kwalsiasi kontestazzjoni dwar id-dritt tal-periti ssir wara li jkunu maghrufa r-risultanzi taghhom.

Ir-rikorrenti kkonfermaw illi r-rimedju li qeghdin jitolbu mill-Qorti huwa li tordna lill-periti addizzjonali li jahilfu r-rapport anke jekk ma jkunux thallsu nonostante dak previst fid-disposizzjonijiet fuq citati tal-Kap 12. Rimedju iehor jista` jkun illi huma jinghataw l-opportunita` li jikkontestaw il-quantum tad-dritt tal-periti addizzjonali qabel isir il-hlas. Jirribadixxu l-karenza ta` proporzjonalita` bejn il-hlas u l-kontestazzjoni.

**L-Avukat Generali** jirrileva illi l-hatra ta` periti addizzjonali mhuwiex wiehed mid-drittijiet fundamentali li jsib tutela bil-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni ta` Malta u bil-Kap 319 tal-Ligijiet ta` Malta. Effettivament ir-rikorrenti *ghandhom* access ghal-Qorti. L-Art 666, 667 u 672 tal-Kap 12 ma jistghux jitqiesu wahedhom izda ghandhom jittiehdu fil-kuntest ta` artikoli ohra tal-ligi bhall-Art 670 u 671 tal-Kap 12. Inoltre ma jirrizultax illi r-rikorrenti talbu ghall-ghajnuna legali apparti li t-talba ghall-hatra ta` periti addizzjonali saret minnhom. L-Avukat Generali jirreferi ghas-sentenza tal-ECHR fil-kawza "**Jankauskas vs Lithuania**".

**Il-periti addizzjonali** jissottomettu li l-htiega li l-kontestazzjoni tat-taxxa ssir wara li jinfetah ir-rapport u mhux qabel titnissel mill-fatt illi wiehed ma jistax jipproponi kontestazzjoni jekk ma jkunx edott mill-kontenut tar-relazzjoni peritali. Mhuwiex korrett li jinghad li ghax relazzjoni ma tithallasx il-kawza tieqaf ; anzi jigri propju l-maqlub u cioe` l-Qorti tibqa` ghaddejja daqslikieku ma kienx hemm rapport u jibqa` mpregudikat il-jedd tal-periti li jithallsu xorta d-dritt intaxxat.

**L-intimati ahwa Ciantar** kemm irrilevaw illi l-artikoli citati ma jistghux jigu attakkati ghaliex il-Kap 12 kien "salvat" bil-Kostituzzjoni.

**Ikkunsidrat :**

**IV. Dritt**

L-**Art 666 tal-Kap 12** jaqra hekk :-

*(1) Qabel il-jum mogħti għall-pubblikazzjoni tar-rapport, jew dak in-nhar stess, iżda qabel ma tissejjaħ il-kawża, il-perit għandu jippreżenta r-rapport miftuħ lir-reġistratur sabiex dan jintaxxa d-dritt tiegħu fuq it-Tariffi fl-Iskeda A li hawn ma` dan il-Kodiċi. Ir-rapport ma jinfetaħx qabel ma jitħallas id-dritt.*

*(2) Il-perit, bla ħsara ta` fejn il-liġi tgħid xort`oħra, ma huwiex obbligat li jippubblika r-rapport tiegħu sakemm id-dritt intaxxat mir-reġistratur ma jkunx ġie mħallas lilu jew imqiegħed f`idejn ir-reġistratur ; u r-reġistratur ma jista`*

*jikkomunika lil ħadd ebda parti tar-rapport, sakemm ma jkunx sar il-ħlas jew id-depożitu fuq imsemmi, taħt piena li jħallas lill-perit id-dritt li jmiss lilu. Ir-rapport għandu jiġi mdaħħal fl-atti tal-kawża.*

*(3) Kif isir il-ħlas jew id-depożitu hawn fuq imsemmi, ir-rapport għandu jiġi mdaħħal mir-reġistratur fl-atti tal-kawża, u wara jista` jarah kulħadd bħal kull att ieħor ta` dik il-kawża.*

L-**Art 667 tal-Kap 12** jaqra hekk :-

*(1) Mit-taxxa magħmula bħal ma jingħad fl-aħħar artikolu qabel dan, kull wieħed mill-periti u kull waħda mill-partijiet fil-kawża, jistgħu jappellaw lill-qorti li minnha l-periti ġew maħtura, ikun kemm ikun id-dritt li ġie intaxxat jew mitlub, fi żmien tmint ijiem mill-jum imsemmi fl-artikolu 672 jew, fil-każ li l-periti jkunu ġew iddispensati milli jidhru kif imsemmi f`dak l-artikolu, mill-jum li fih il-periti jew il-partijiet fil-kawża jkunu ġew imgħarrfin bit-taxxa b`ittra mingħand ir-reġistratur.*

*(2) Qabel id-deċiżjoni tal-kawża li fiha tkun ġiet ordnata l-perizja, dan l-appell jista` jsir b`nota.*

*(3) Wara d-deċiżjoni tal-kawża, l-appell isir b`rikors u għandu jinstama` mill-qorti b`mod sommarju.*

*(4) Jekk ikun jidher prima facie li l-appell huwa floku, il-qorti, wara li tisma` l-partijiet, tordna lir-reġistratur sabiex jintaxxa mill-ġdid id-dritt tal-periti.*

L-**Art 670 tal-Kap 12** ighid :-

*Il-qorti tista` tiddeċiedi l-kawża mingħajr il-perizja jew indipendentement mill-provi miġjuba quddiem il-perit –*

*(a) meta l-perizja ma ssirx fiż-żmien mogħti l-ewwel darba jew kif imġedded, bi ħtija tal-parti li fl-interess tagħha l-perizja tkun ġiet ordnata ; jew*

*(b) meta ma jkunx ġie mħallas jew iddepożitat id-dritt intaxxat lill-perit skont l-artikolu 666 ; jew*

*(ċ) meta ma jsirx id-depożitu msemmi fl-aħħar artikolu qabel dan.*

L-**Art 672 tal-Kap 12** ighid :-

*(1) Fil-ġurnata mogħtija għall-pubblikazzjoni tar-rapport, il-perit għandu jidher il-qorti biex jaqra fil-pubbliku u jwettqu bil-ġurament, jekk ma jkunx mill-qorti ġie dispensat milli jidher.*

*(2) Il-ġurament jiġi mogħti lill-periti mir-reġistratur.*

L-**Art 39(2) tal-Kostituzzjoni** jghid :-

*Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b`liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta` drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali ; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli"*

L-**Art 6(1) tal-Konvenzjoni** jghid :-

*In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law. Judgment shall be pronounced publicly but the press and public may be excluded from all or part of the trial in the interests of morals, public order or national security in a democratic society, where the interests of juveniles or the protection of the private life of the parties so require, or to the extent strictly necessary in the opinion of the court in special circumstances where publicity would prejudice the interests of justice.*

L-**Art 13 tal-Konvenzjoni** jghid :-

*Everyone whose rights and freedoms as set forth in this Convention are violated shall have an effective remedy before a national authority notwithstanding that the violation has been committed by persons acting in an official capacity.*

**Ikkunsidrat :**

**V. Gurisprudenza**

Ir-rikorrenti fl-ispecifiku qeghdin jilmentaw li jissussisti fil-konfront taghhom ksur tad-dritt taghhom ghal smigh xieraq ghaliex qieghed ikun imxekkel l-access taghhom ghal Qorti bid-disposizzjonijiet tal-ligi ordinarja li jghidu li qabel ma jistghu jikkontestaw t-taxxa tad-dritt tal-periti addizzjonali li kienu appuntati, wara talba tar-rikorrenti stess, il-periti kellhom l-ewwel

jithallsu, imbaghad jinhalef ir-rapport u wara ssir il-kontestazzjoni tat-taxxa fit-termini stabbiliti mil-ligi.

Bhala **principju generali** huwa stabbilit li *for the right of access to a court to be effective, an individual must have a clear and practical opportunity to challenge an act interfering with his civil rights (see De Jorio v. Italy, no. 73936/01, § 45, 3 June 2004, and Bellet v. France, 4 December 1995, Series A no. 333-B, § 36).*

Fid-decizjoni taghha tat-23 ta\` Lulju 2013 fil-kawza "**Lay Lay Company Limited v. Malta**" l-ECHR qalet hekk :-

*55. Under Article 6 § 1 of the Convention it is necessary that decisions of administrative authorities which do not themselves satisfy the requirements of that Article should be subject to subsequent control by a judicial body (see Ortenberg v. Austria, cited above, § 31, and Crişan v. Romania, no. 42930/98, § 24, 27 May 2003). The right of access to a court is an inherent aspect of the safeguards enshrined in Article 6. Thus, Article 6 § 1 secures to everyone the right to have a claim relating to his civil rights and obligations brought before a court (see Markovic and Others v. Italy [GC], no. 1398/03, § 92, ECHR 2006-XIV). At the same time, the "right to a court" is not absolute; it is subject to limitations permitted by implication, since by its very nature it calls for regulation by the State, which enjoys a certain margin of appreciation in this regard. However, these limitations must not restrict or reduce a person\`s access in such a way or to such an extent that the very essence of the right is impaired (see Edificaciones March Gallego S.A. v. Spain, 19 February 1998, § 34, Reports of Judgments and Decisions 1998-I, and De Geouffre de la Pradelle v. France, 16 December 1992, § 28, Series A no. 253-B).*

*56. Rules governing the procedure and time-limits applicable to legal remedies are intended to ensure a proper administration of justice and compliance with, in particular, the principle of legal certainty (see, mutatis mutandis, Miragall Escolano and Others v. Spain, nos. 38366/97, 38688/97, 40777/98, 40843/98, 41015/98, 41400/98, 41446/98, 41484/98, 41487/98 and 41509/98, ECHR 2000-I). It is not for the Court to interpret procedural rules. Its role in cases such as the present is to determine whether the applicant was able to count on a coherent system that struck a fair balance between the authorities\` interests and his own and, in particular, whether he was given a clear, practical and effective opportunity to challenge an administrative act that allegedly*

*constituted a direct interference with his rights (see Geffre v. France (dec.), no. 51307/99, ECHR 2003-I (extracts).*

Fid-decizjoni taghha tat-28 ta` Mejju 1985 fil-kawza "**Ashingdane v. The United Kingdom**" l-ECHR qalet :-

*55. In its Golder judgment of 21 February 1975, the Court held that "Article 6 para. 1 (art. 6-1) secures to everyone the right to have any claim relating to his civil rights and obligations brought before a court or tribunal" (Series A no. 18, p. 18, para. 36). This "right to a court", of which the right of access is an aspect, may be relied on by anyone who considers on arguable grounds that an interference with the exercise of his (civil) rights is unlawful and complains that he has not had the possibility of submitting that claim to a tribunal meeting the requirements of Article 6 para. 1 (art. 6-1) (see the Le Compte, Van Leuven and De Meyere judgment of 23 June 1981, Series A no. 43, p. 20, para. 44 in fine, and the Sporrong and Lönnroth judgment of 23 September 1982, Series A no. 52, p. 30, para. 81). Furthermore, in the "contestations" (disputes) contemplated by Article 6 para. 1 (art. 6-1) it may be the actual existence of a "civil right" which is at stake (see the first-mentioned judgment, p. 22, para. 49 in fine).*

*56. The applicant did have access to the High Court and then to the Court of Appeal, only to be told that his actions were barred by operation of law (see paragraphs 17 and 18 above). To this extent, he thus had access to the remedies that existed within the domestic system.*

*57. This of itself does not necessarily exhaust the requirements of Article 6 para. 1 (art. 6-1). It must still be established that the degree of access afforded under the national legislation was sufficient to secure the individual`s "right to a court", having regard to the rule of law in a democratic society (see the above-mentioned Golder judgment, Series A no. 18, pp. 16-18, paras. 34-35, and paragraph 92 of the report of the Commission in the present case).*

*Certainly, the right of access to the courts is not absolute but may be subject to limitations; these are permitted by implication since the right of access "by its very nature calls for regulation by the State, regulation which may vary in time and in place according to the needs and resources of the community and of individuals" (see the above-mentioned Golder judgment, p. 19, para. 38, quoting the "Belgian Linguistic" judgment of 23 July 1968, Series A no. 6, p. 32, para. 5). In laying down such regulation, the Contracting States enjoy a certain margin of appreciation. Whilst the final decision as to observance of the Convention`s requirements rests with the Court, it is no part of the Court`s function to substitute for the assessment of the national authorities any other assessment of what might be the best policy in this field (see, mutatis mutandis, the Klass and Others judgment of 6 September 1978, Series A no. 28, p. 23, para. 49).*

*Nonetheless, the limitations applied must not restrict or reduce the access left to the individual in such a way or to such an extent that the very essence of the right is impaired (see the above-mentioned Golder and "Belgian Linguistic"*

*judgments, ibid., and also the above-mentioned Winterwerp judgment, Series A no. 33, pp. 24 and 29, paras. 60 and 75). Furthermore, a limitation will not be compatible with Article 6 para. 1 (art. 6-1) if it does not pursue a legitimate aim and if there is not a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be achieved.*

**Ikkunsidrat :**

## VI. Risultanzi

Ir-rikorrenti qeghdin jibbazaw l-ilment taghhom fuq l-Art 39 tal-Kostituzzjoni u fuq l-Art 6 tal-Konvenzjoni.

Din il-Qorti tghid mill-ewwel illi l-ilment kif dedott skond l-Art 39 tal-Kostituzzjoni huwa infondat abbazi tal-**Art 47(7) tal-Kostituzzjoni li jaghmel riferenza ghall-Ewwel Skeda tal-Kostituzzjoni**. Fl-Ewwel Skeda hemm inkluz il-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta. Ir-rikorrenti qeghdin jattakkaw tliet disposizzjonijiet partikolari tal-Kap 12. Skond is-subinciz (7) ebda haga li hemm f`xi ligi specifikata fl-Ewwel Skeda ma titqies li tkun inkonsistenti mad-disposizzjonijiet tal-Art 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni. Ghalhekk il-pretensjoni tar-rikorrenti kif dedotta safejn tolqot l-Art 39 tal-Kostituzzjoni qeghda tkun respinta.

Ghar-rigward tal-Art 6 tal-Konvenzjoni, din il-Qorti taghmel riferenza ghal pag 107 tal-ktieb "**A Practitioner`s Guide to the European Convention on Human Rights**" (Fourth Edition – Sweet & Maxwell – 2011) fejn l-awtrici **Karen Reid** tghid hekk :-

*The right of access to court is not absolute, however, but subject to limitations. By its very nature, the Court has said, it calls for regulation by the State, which may vary in time and place according to the needs and resources of the community and individuals ("Golder v. UK" – 21 February 1975). The State has a margin of appreciation in making such regulations but the limitations applied must not restrict or reduced the access left to the individual in such a way or to such an extent that the very essence of the right is impaired. In addition, a limitation will not be compatrible with Art 6 if it does not pursue a legitimate aim and if there is not a reasonable proportionality between the means employed and the aim sought to be achieved.*

Fil-kawza bil-procediment ordinarju, ir-rikorrenti odjerni talbu l-hatra ta` periti teknici addizzjonali ghaliex ma kienux qablu mal-konkluzjonijiet tal-ewwel perit tekniku. Wara li l-periti teknici addizzjonali pprezentaw ir-relazzjoni taghhom, u kien intaxxat id-dritt taghhom mir-Registratur, ir-rikorrenti deherilhom li d-dritt intaxxat kien esagerat u riedu jikkontestawh, pero` lmentaw illi l-binarji stabbiliti mid-disposizzjonijiet tal-ligi ordinarja dwar kif igibu `l quddiem il-kontestazzjoni taghhom, senjatament l-Art 666, 667 u 672 tal-Kap 12, kienu jikkostitwixxu ksur tal-jedd taghhom ghal smigh xieraq ghaliex kienu jxekklu l-jedd taghhom ta` access ghal Qorti.

Din il-Qorti tirrileva li d-disposizzjonijiet tal-ligi ordinarja li minnhom qeghdin jilmentaw fil-procediment tal-lum kienu ben noti minnhom fil-mument li ghazlu li jressqu t-talba ghall-hatra ta` periti teknici addizzjonali. Eppure xorta wahda ghamlu t-talba. Dan premess, il-Qorti tkompli tirrileva illi mhumiex korretti r-rikorrenti ghar-rigward tal-pregudizzju li minnu qeghdin jilmentaw bid-disposizzjonijiet in kwistjoni. **<u>Il-fatt li rapport peritali jithallas bl-ebda mod ma jippregudika l-jedd ghall-kontestazzjoni tat-taxxa u kwindi ma jistax jinghad li hemm xi prekluzjoni ta` access ghal Qorti</u>**. Skond l-**<u>Art 667 tal-Kap 12</u>**, kull wahda mill-partijiet tista` tappella mit-taxxa li tigi mitluba mill-periti fi zmien tmint ijiem, li jibdew jiskattaw JEW mid-data li tkun giet moghtija mill-qorti ghall-pubblikazjoni jew ghall-hlas tar-rapport JEW minn meta l-partijiet jkunu rcevew t-taxxa sabiex din tithallas. Ghalhekk jekk il-Qorti tkun iffissat seduta sabiex isir il-pubblikazzjoni jew il-hlas tar-rapport, u parti ma taqbilx ma` l-ammont intaxxat, hi tista` tidher dakinhar, u ai termini tal-Art 667, tappella lil Qorti dwar it-taxxa tinhadem

mill-gdid. Jekk min-naha l-ohra l-Qorti tkun awtorizzat lill-perit sabiex jahlef ir-rapport fir-registru, u ghalhekk ma jkunx hemm data stabbilita ghall-hlas jew pubblikazzjoni, l-appell ikun jista` jsir fi zmien tmint jiem minn meta l-partijiet jircievu t-taxxa. Il-ligi mbaghad bl-**Art 670 tal-Kap 12** tistabilixxi li l-Qorti tista` anke tiddeciedi l-kawza, minghajr l-import ta` dan r-rapport, meta dan ma jkunx gie mhallas.

**Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti li l-binarju tal-appell jew kontestazzjoni tat-taxxa kif mahsub fid-disposizzjonijiet in kwistjoni mhuwiex ostakolu ghad-dritt tar-rikorrent ghal access ghall-Qorti. Lanqas ma huwa talment sproporzjonat jew sbilancjat fir-realta` li jxekkel l-access ghal Qorti. Jekk wara li ghazlu li jitolbu l-hatra ta` perit addizzjonali, talba li kienet akkordata mill-Qorti, deherilhom li kellhom jaghmlu *challenge* ta` att li fil-fehma taghhom kien qieghed jinterferi mad-drittijiet civili taghhom, il-ligi ttraccjat it-triq li r-rikorrenti kellhom jipperkorru, triq li diga` kienu jafu fejn kienet twassal qabel talbu l-hatra ta` periti addizzjonali. Jekk riedu jiskartaw dak li tghid il-ligi biex imorru ghal triq aktar konvenjenti ghalihom, allura bl-ebda mod ma jistghu jghidu li kienu mxekkla fid-dritt taghhom ghal smigh xieraq.**

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi finalment dan il-procediment, billi filwaqt illi qeghda tilqa` l-eccezzjonijiet kollha fil-mertu, qeghda tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti. L-ispejjez kollha ta` dan il-procediment, inkluzi dawk relattivi ghas-sentenza parzjali li kienet tat fit-30 ta` Settembru 2013 (fol 53 sa fol 72) jithallsu mir-rikorrenti fil-procediment odjern.**

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------